Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 295 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Joseph Theuma

Illum 14 ta' Dicembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Theuma detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 356562 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-06 ta' Lulju 2012 u fil-granet u x-xhur ta' wara, fl-art maghrufa bhala "Tas-Sienja" gewwa Hal Kirkop;

(1) B' diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat;

(2) Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Ann sive Annie Psaila, Luke Psaila u lil Jesmond Psaila fil-pussess ta' hwejjighom meta pparkja trakk tat-tip Bedford li ghandu numru ta' Reg KAG 865 fil-propjeta tal-familja Psaila;

(3) U aktar talli sar recidiv, wara li gie misjub hati b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) sentenza datata 22/02/2011 quddiem il-

Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. u li giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 06/07/2012 quddiem l-Imhallef Dr. Michael Mallia LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Gunju, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 85, 49 u 50 tal-Kap. 9 sabet lill-imputat Joseph Theuma hati tal-akkuzi kollha u ikkundannatu multa ta' sitt mitt Ewro (€600).

Inoltre u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-imputat Joseph Theuma ghall-hlas ta' spejjes peritali li jammontaw ghal disa' mija u erbgha u tletin ewro u disa' centezmi (€934.09) u dan fi zmien tliet (3) snin mill-llum. Fin-nuqqas ta' hlas relattiv, dan ghandu jigi kkonvertit f' habs skont il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Theuma, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Lulju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata, **TIDDIKJARA** li hija nulla, u b' hekk **TORDNA** illi l-atti kollha ghandhom jerghu jigu rimessi quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghas-smiegh mill-gdid taghhom, u dan sabiex l-appellant ma jigix mcahhad mill-beneficcju tad-*doppio esame*; fin-nuqqas li tilqa dan l-aggravju, l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fuq il-mertu, u dan billi filwaqt li **TIDDIKJARA** lil appellant mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, tilliberah minnhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-Ewwel Aggravju-Nullita tas-Sentenza Appellata**

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk: *"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."*

Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita tas-sentenza appellate u dan stabte illi dan in-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.

Fil-fatt kif imfisser fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet il-**<u>Pulizija vs Emanuel Mifsud ET</u>** moghtija fit-tnax (12) ta Marzu tas-sena elfejn u disa (2009), il-Qorti irriteniet li *'skond l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati meta taghti sentenza kontra l-imputat ghandha **<u>tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati,</u>** taghti l-piena, u ssemmi l-artikolu tal-kodici kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat .'*

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti certament illi ma spjegatx il-fatti li taghhom l-imputat instab hati meta testwalment qalet biss hekk: *'rat l-atti tal-kawza bl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Thema, sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell datata sitta (6) ta' Lulju, elfejn u tnax (2012), fejn kienu jitrattaw l-istess mertu tal-proceduri odjerni u fejn hemmekk giet ikkonfermata l-htija tal-imputat odjern stante illi l-pjazetta fejn jipparka l-imputat tispetta lill mara tal-parte civile u fejn dan l-agir kien qed jikkreja problem in kwantu l-parte civile ma jistghux igibu trakkijite bil-gwiez'.*

Illi ghalhekk, l-Ewwel Qorti, b'dawn is-semplici dikjarazzjonijiet, naqset milli tispjega l-fatti li taghhom gie misjub hati l-appellant; apparti illi l-fatti kif enuncjati minn l-Ewwel Qorti huma zbaljati wkoll, kemm ghax minn imkien mill-provi prodotti ma rrizulta illi l-pjazetta mertu tal-proceduri odjerni tispetta lil mara tal-*parte civile* u kemm ghax fil-proceduri odjerni, irrizulta illi l-imputat kien qed jipparkegga t-trakk tieghu fuq in-naha l-ohra tal-pjazetta, u cioe fuq in-naha tal-garazz uzat minnu.

Inoltre, il-Perit Tekniku, fir-rapport peritali tieghu, ghamilha cara illi hawn *si tratta* ta' proceduri fil-kamp kriminali, u li ghalhekk wiehed ma jistax jiehu konjizzjoni

tad-Dokumenti konsisteni f'kuntratti, li gew ezebiti mill-parte civile, u li ghalhekk mill-konkuzjonijiet tieghu minn imkien ma jirrizulta illi l-pjazetta hija l-propjeta ta' Annie Psaila, kif donna taghti l-impressjoni l-Qorti fil-konkluzjonijet taghha.

F' kaz simili, u cioe meta Qorti tonqosmilli tispjega b' mod dettaljat il-fatti ta' dak illi l-akkuzat ikun qed jnstab hati, jintitola lil Qorti li thassar is-sentenza appellata (f' dan is-sens wiehed jista jara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija V. Donald Cilia**, 24 ta' April 2002; **Il-Pulizija vs Benjamin Muscat**, 28 ta' Gunju 2002; **il-Pulizija vs. Joseph Zahra**, 9 ta' Settembru 2002; **Il-Pulizija vs. Paul Cachia**, 25 ta' Settembru 2003; **Il-Pulizija v. Mark Portanier,** 14 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija vs. John Axiaq ET**, 19 ta' Mejju 2005).

Konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti ghandha thassar is-sentenza moghtija minn l-Ewwel Qorti, stante illi din ma ssegwiex id-dettami tal-Kodici Kriminali kif eunucjat permezz ta' l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre, ta' min isemmi wkoll illi l-ewwel akkuza, u cioe dik imsejsa fuq il-principju tar-reat kontinwat kif kontemplat fl-Artikolu 18 tal-Kap 9, mhux reat minnu nnifsu li tieghu l-appellant seta jinstab hati tieghu, izda huwa biss gravant ghal finijiet ta' piena. Konsegwentement, il-Qorti qatt ma seghet issib lil appellant hati ta' l-Ewwel Akkuza kif fil-fatt ghamlet.

**T-tieni Aggravju-aprezzament Zbaljat tal-Provi Prodotti.**

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi umilment rilevat illi kemm l-Espert Tekniku, u kemm l-Ewwel Qorti li strahet kompletament fuq il-konkluzzjonijiet Peritali ta' l-istess Espert Tekniku, ghamlu interpretazzjoni kompletament zbaljati tal-provi prodotti qudidemhom, u dan peress illi GHALKEMM L-APPELLANTI, FL-EBDA HIN MA FIXKIL LIL PARTI CIVILI MILL-PUSSESS U UZUTA' L-ART TAGHHOM, xorta kkonkludew illi l-appellanti ghandu jinstab hati.

Bir-rispett kollu, fil-kaz in dezamina, kull ma tezisti hija semplici spekulazzjoni, u cioe, x' jigri fil-kaz illi jigi il-*bowser* ta' l-ghalf ta' l-annimali biex ihott. Dan qed

jinghad peress illi ghalkemm l-akkuza tghid illi fis-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) u fil-granet u fix-xhur ta' wara, *bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Ann sive Annie Psaila,* Luke Psaila u Jesmond Psaila fil-pussess ta' hwejjighom, fil-prattika, kemm mix-xhieda ta' Luke Psaila u Jesmond Psaila stess, u kemm minn dik ta' l-appellant, il-*bowser/trakk* tal-ghalf qatt ma gie fuq il-post, u konsegwentement qatt ma jista jirrizulta illi l-appellanti ikkometta r-reat. Stante illi hawnhekk l-akkuza hija ta' natura kriminali, liema filfatt trid tigi **ppruvata, lill hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni,** ried filfatt jigi ppruvat **illi l-appellant kellu l-vettura tieghu ipparkjata fil-post indikat, gie t-trakk ta' l-ghalf, u ma setghax ihott propju minhabba t-truck ta; lappellant**. Dan fil-fatt ma garax, u ghalhekk l-appellant qatt ma seta jinstab hati illi huwa fixkel il-parte civile mill-pussess ta' hwejjighom. Infatti, relevanti dak li xehed Luke Psaila fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) '***jien trakk tal-gwies QATT MA GIBT WARA LI JOSEPH THEUMA GAB IT-TRAKKTIEGHU U BEDA JIPPARJKAH FL-ART MERTU TAL-KAWZA…PERMESS ILLI L-KONSENNA TAL-GWIEZ MA TISTAX TINTBGHAT LURA MINHABBA KWISTJONI TA' SANITA JIENA KONT NISPICCA NHALLAS GHAL KUNSINNA GWIES LI MA TISTAX TITWASSAL FL-ART TAGHNA.***'

Huwa car ghalhekk, illi l-akkuzat instab hati biss fuq bazi ta' suppozizzjoni, u mhux ta xi haga li effettivament grat. Li l-parte civile tassumi, illi jekk jigi t-trakk ta' l-ghalf ma jkunx jista jhott, minhabba l-vettura tal-parte civile, mhux prova, ahseb u ara kemm hija l-aqwa prova! Mhux talli din mhux prova, talli din hija kontradetta bix-xhieda ta' l-appellant illi ezebizza fuq DVD filmat, ta' trukk *eight wheeler*, idawwar fil-pjazetta, bil-vettura tieghu pparkeggata hemm.

Illi filfatt, huwa evidenti, anke jekk wiehed jistudja, l-gurisprudenza tal-Qrati taghna f'dan ir-rigward, illi mhux biss tird tingieb il-prova tal-pussess, (illi f'dan il-kaz mhux konstestat illi l-parte civile ghandha l-pussess u l-uzu tal-pjazetta), imma wkoll illi bl-agir/nuqqas ta' agir tal-persuna akkuzata, l-istess parte civile giet imfixkla fil-pusses illi hija ghandha. Ghalhekk, certament illi, l-elementi kostitutivi tar-reat ta' ragion fattasi, ma setghu qatt jigu ppruvati. Filfatt, jekk wiehed jistudja

mill-qrib il-konkluzjonijiet tar-Rapport Peritali, dawn jirreferu ghal dak sottomess mill-parte civile bhala ilment jew kontestazzjoni: '***inoltre, minkejja illi ma jistghax jinghad illi illi gie mcahhad l-access kollu b'mod definittiv favir il-parte civile, hemm XORTA WAHDA KONTESTAZZJONI ILLI L-ACCESS MA BAQGHAX DAQSHEKK FACLI, U GHALDAQSTANT JIRRIZULTA ILLI KIEN HEMM XKIEL FL-ACCESS JEW LIMITAZZJONI FL-ISTESS ACCESS.***'

Jerga jigi ribadit, illi stante illi hawn qedhin fil-forum KRIMINALI, semplici ilment jew kontestazzjoni mhux bizejjed.

Konsegwentement, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib htija fl-appellanti.

Ikkunsidrat,
Illi l-appellanti fir-rikors ta'l-appell tieghu qabel ma jivventila l-lanjanzi tieghu fil-mertu tal-kaz, iqanqal il-pregudizzjali dwar in-nullita tad-decizjoni impunjata u dan billi fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti naqqset milli tosserva d-dettami ta'l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta jishaq illi ma hemmx indikat fid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti il-fatti li dwarhom kienet qed tinstab htija.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi din il-lanjanza tirrazenta il-fieragh. Dan mhux biss ghaliex id-decizjoni impunjata tindika car u tond l-akkuzi li kien qed jiffaccja l-appellanti li fihom hemm indikat il-fatti tal-kaz, izda imbaghad l-Ewwel Qorti taghti l-motivazzjoni li iwassluha ghal sejbien ta' htija meta tindika illi l-mertu tal-kaz jitratta kaz identiku deciz minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-06 ta' Lulju 2012 kontra l-istess appellant fejn mhux biss tiddikjara illi qed taghmel taghha il-konkluzjonijiet ta' dak il-pronunzjament gudizzjraju, izda tiddikjara ukoll illi qed taqbel mal-konkluzjonijiet raggunti mill-espert nominat minnha Dr. Stefano Filletti. Spjegazzjoni iktar cara minn dan dwar il-fatti li l-appellanti qed jinstab hati ma jistax jkun hemm. Finalment l-Ewwel Qorti tindika ukoll dawk id-disposizzjonijiet kollha tal-ligi li dwarhom kienet qed tinstab htija.
Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li

dwarhom qed tinstab il-htija. Issa ma hemmx dubbju illi id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti hija cara fis-sens illi hija sabet htija ghar-reati kollha migjuba kontra l-appellanti imfissra fil-parti esposittiva tas-sentenza appellata, kif imfisser iktar 'il fuq. Ma kienx jenhtieg illi jkun hemm xi motivazzjoni approfondita kif donnu qed jippretendi l-appellanti. Issa jekk l-Ewwel Qorti, fil-fehma tieghu, ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-fatti, dan certament ma iwassalx ghan-nullita tas-sentenza, izda biss jista' iwassal ghal aggravvju fil-mertu.

Din il-Qorti ghalhekk ma tirriavviza l-ebda nullita fid-decizjoni impunjata kif allegat mill-appellanti u kwindi dan l-ewwel aggravvju qed jigi rigettat.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti imbaghad iqanqal lanjanza fil-mertu marbuta mal-apprezzament tal-provi, li fil-fehma tieghu kienet wahda zbaljata. Jishaq illi huwa fl-ebda hin ma ostakola l-access ghal parti leza bit-trukk tieghu u dan ghaliex l-access baqa' jigi ezercitat u l-ilment tal-parti leza huwa biss illi fl-ghalqa taghhom ma jistax jihdol trukk tal-ghalf ghall-annimali, izda ighid ukoll illi dan it-trukk qatt ma gie fil-post indikat, ilment, allura, fil-fehma tieghu, li jistrieh kollu fuq supposizzjoni u mhux fatti ippruvati.

Illi din il-Qorti minghajr tlaqliq mal-ewwel tafferma illi l-appellanti ma ghandux ragun fl-appell minnu intentat. Dan ghaliex il-fattispecje ta' dan il-kaz jipprezentaw quddiem din il-Qorti xenarju klassiku ta' *raggion fattasi* – ta' bniedem li bl-azzjonijiet tieghu jarroga ghalih l-poteri ta'l-awtoritajiet gudizzjarju sabiex jiehu dak li jippretendi li ghandu jedd ghalih. Dan ghaliex il-parti leza jishqu illi huma jinsabu ostakolati milli jordnaw konsenja tal-gwies biex jaghlfu l-annimali taghhom billi jekk jaghmlu dan, il-konsenja ma tkunx tista' tinhatt kagun tat-trukk tal-appellanti li qed jostakola l-access bil-konsegwenza li dan il-gwiez ikollu jintrema' u huma jispiccaw iridu ihallsu ghalih xortawahda ghalkemm mhux ikkonsenjat ghar-raguni illi l-konsenja ma tistax tintbaghat lura lis-*supplier* ghar-ragunijiet ta' sanita'. Dan kollu ifisser illi l-parti leza qed jigu mizmuma mit-tgawdija ta' din l-art minhabba l-agir illegali ta'l-appellanti.

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et." (App. Krim. 14.10.1944, Vol.XXXII - IV, p.768) bhala:

(1) att esterni li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel '*di privato braccio*' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika; u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi[1].

Gie ritenut illi :

**"Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha**.[2]"

Fuq kollox:

**"L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*.**"

Illi gie deciz:

***"Il-ko-possessuri ta' oggett ghandhom - sakemm ma jigix miftiehem jew ordnat mod iehor minn awtorita' kompetenti, jew sakemm mhux ipprovdut mod iehor fil-ligi - drittijiet ta' tgawdija indaqs fuq dak l-oggett.[3]".***

Issa kif gustament irriteniet l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha dan il-kaz huwa identiku ghal dak fejn l-appellanti kien diga gie misjub hati quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta b'decizjoni tas-06 ta' Lulju 2012. Mhux biss izda anke l-aggravvju imqanqal mill-appellanti f'dan l-appell huwa identiku ghal dak il-kaz tant ghalhekk illi l-ilment ta'l-appellanti diga jifforma parti minn gudikat li huwa naqas li jottempera ruhu mieghu izda baqa' b'impunita iwebbes rasu u jiehu l-ligi b'idejh.

Ma hemmx dubbju illi l-uzu tal-pjazetta huwa in komun bejn l-appellanti u l-parti leza, bil-proprjeta ta'l-istess f'idejn il-parti leza. Ma hemmx dubbju illi

---

[1] Il-Pulizija vs Mario Bezzina App.Krim 26/05/2004
[2] Il-Pulizija vs Eileen Said App.Krim 19/06/2002
[3] Il-Pulizija vs Georgina Gauci – App.Inf. 07/01/1998

kontinwament l-appellanti qieghed jostakola lil parti leza u lil uliedha milli tkun tista' iggib l-ghalf ghall-annimali taghhom ghaliex it-trukk tal-gwiez ma ikunx f'posizzjoni li jimmanuvra minhabba t-trukk li l-appellanti ihalli ipparkeggjat appozitament biex ikompli jisfida u dan sahansitra meta jidher illi ghandu garaxx fejn jista jipparkeggja dan it-trukk. Il-Qorti qatt ma tista' tissanzjona dan l-agir iktar u iktar meta diga hemm pronunzjament gudizzjarju li qed jordnalu inehhi kull inkonvenjent. Kwindi lanqas dan l-aggravvju ma jisthoqqlu akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

Edwina Grima

Imhallef